MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Appell Civili Numru. 507/2005/1

**Carmelo *sive* Charles u Dorianne konjugi Sammut li qed jidhru f' isemhom *proprio* u ghan-nom tad-ditta Charlie Auto Dealer**

**vs**

**Armando u Concetta konjugi Bugeja**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Lulju, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti:-
>
> Rat li l-atturi pprezentaw avviz fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbu lil Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuhom is-somma ta' elf sitt mija hamsa u sebghin lira u tlieta u disghin centezmi maltin(LM1,675,93) oltre l-imghax legali mis-7 ta'

Awissu 2005 rigwardanti sbatax-il kambjala minnhom mahruga kontra taghhom ghal import ta' mitt lira Maltin (LM100) il-wahda hlief ghall-ahhar wahda li ghandha import ta' hamsa u sebghin lira u tlieta u disghin centezmu Maltin (LM75.93) liema kambjali skadew bejn is-6 ta' April 2004 u s-6 ta' Awwissu 2005 liema kambjali gew esebiti 'animo retirandi' markati bhala dokument CS1 sa CS17. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-15 ta' Settembru 2005 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Novembru 2005 fejn eccipew bir-rispett li:-

"It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda minhabba illi fil-fatt l-eccipjenti ghandhom jiehdu flus minghand l-atturi rispettanti Danni sofferti minhabba r-ragunijiet kif esposti u mitluba fil-kontro talba.

Illi minghajr pregudizju l-eccipjenti m'ghandhom ihalsu ebda flus lill-atturi stante li l-obbligazzjoni li minhabba fiha saru l-kambjali mertu tal-avviz odjern hija efffett ta' ksur ta' ordni pubbliku u dan minhabba li kien hemm frodi da parti mill-atturi jew min minnhom. Illi konsegwentement isegwi li l-kawza tal-atturi hija imsejsa fuq premessi lleciti kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat il-kontro talba tal-konvenuti pprezentat flimkien mal-eccezzjoniiet taghhom nhar it-3 ta' Novembru 2005 fejn esponew bir-rispett li:-

"Illi huma xtraw vettura tat-tip Toyota Pick up numru JBB-603 minghand l-atturi versu l-prezz ta' sebat elef lira Maltin (LM7,000). Illi l-ftehim kien li dan il-van kien tas-sena ta' manifattura 1995.

Illi minhabba f'hekk l-esponenti halsu l-prezz indikat u imsemmi. Illi ricentement l-esponenti ppruvaw ibieghu din il-vettura u skoprew li l-'log book' tal-vettura mixtrija minghand l-atturi kien imbaghbas fis-sens li mentri l-van suppost li kien immanifatturat fis-sena 1995 fil-fatt kien immanifatturat fis-sena 1991 ossia erba' snin qabel.

Illi l-esponenti ppruvaw jittransigu mal-atturi izda dawn ma xtaqux. Illi fil-fatt u dana kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza van tat-tip kif mixtri minn l-esponenti tad-data ta' manifattura tas-sena 1991 jiswa ferm anqas min LM7,000 prezz li dwaru ftehmu l-esponenti mal-atturi ghax-xiri tal-van in kwistjoni.

Illi l-esponenti avvicinaw ukoll lill-Pulizija Esekuttiva u dwar danil-kazhemm pendenti kumpilazzjoni kriminali minhabba frodi li saret fil-*'log book'* tal-vettura ta' l-esponenti.

1. Illi minhabba f'dan l-agir l-esponenti sofrew Danni meta huma xtraw il-van Toyota JBB-603 minghand l-atturi u wara rrizulta lid an il-van huwa ta' annu ta' manifattura ferm qabel dak li dwaru kien miftiehem u anke kif indikat fil-'*log book'* ta' l-istess vettura;

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi u tordna li l-atturi jhalsu lill-konvenuti esponenti d-danni hekk likwidati.

Illi ghal finijiet ta' kompetenza l-esponenti jiddikjaraw li l-pretensjoni taghhom ma tiskorrix l-elfejn lira Maltin (LM2,000).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali u b'hekk l-atturi jibqghu minn issa ngunti in subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-atturi rikonvenzjonati fejn eccepew li :-

"1. Illi preliminarjament il-konvenut rikonvenzjonanti m'ghandhomx dritt jintavolaw l-azzjoni rikonvenzjonali stante illi l-kawza prezentata mill-atturi rikonvenzjonati hija wahda kambjarja u l-unika eccezzjoni li tista tigi moghtija skondil-ligi huma dawk dilatorji u mhux fil-mertu u ghalhekk il-via li messhom mxew biha l-konvenuti konvenzjonati li jipprezentaw kawza '*ad hoc'*.

2. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenuti rikonvenzjonati xtraw Toyota Pick Up numru JBB-603 minghand l-atturi rikonvenzjonati fis-6 ta' Gunju 2001 skond kuntratt ta' biegh hawn anness u mmarkat bhala dok. A u ghalhekk l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 1407 tal-Kodici Civili stante li l-azzjoni lit miss lix-xerrej hija se mai ghat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerga lura mill-kuntratt li tintilef gheluq sentejn minn dakinhar tal-kuntratt.

3. Illi bla pregudizzju ghal premess il-Pick Up van JBB-603 ghandu x-x-chasis numru LM1070000655 u numru tal-magna L2793858 li jaqblu perfettament ma dak li xtara l-konvenut rikonvenzjonant u mal-Log Book mahrug mill-Awtoritajiet kompetenti.

4. Illi l-atturi rikonvenzjonati huma 'second hand car dealers' u biegh l-oggett skond il-Log Book u mhux minnu illi hemm xi kumpilazzjoni kriminali minhabba frodi inkonfront taghhom stanet li huma agixxew dejjem skondil-ligi u in *buona fede*.

5. Illi huma mhux responsabli ghad-danni pretizi mill-konvenuti rikonvenzjonanti stante illi huma ma kkawzaw ebda hsara lil konvenuti rikonvenzjonati u jekk dan sar ghal grazzja tal-argument minn terzi, huma t-terzi li ghandhom jirrispondu ghalih u mhux l-atturi.

6. Illi l-unika relazzjoni guridika li tezisti bejn l-atturi u l-konvenuti hija dik ta' bejjiegh u xerrej u l-azzjoni li ghandhom il-konvenuti rikonvenzjonati in confront ta' l-istess atturi rikonvenzjonati hija '*actio redhibitoria'* u/jew '*actio aestimatoria'* u l-ebda azzjoni ghad-danni.

7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Illi nhar it-8 ta' Frar 2006 xehed minn jeddu l-attur **Carmelo Sammut**. Spjega illi huwa jinnegozja fil-bejgh tal-karozzi u jezercita dan in-negozju that l-isem Charlie Auto Dealer. Ikkonferma li fis-6 ta' Gunju 2001 huwa kien biegh lill-konvenut van tal-ghamla Toyota tal-mudel Hilux LL 107, bin-numru ta' registrazzjoni JBB 603 u dan skond kuntratt markat u esebit fl-atti markat bhala dok. CS1. Il-prezz miftiehem kien ta' sebat elef (LM7,000) u kien tah tlett elef lira (LM3,000) akkont mal-bejgh u l-bilanc kellu jithallas mill-konvenuti f'rati mensili u konsekuttivi ta mitt lira 'l wiehed (LM100) u ghalhekk iffirmaw kambjali ghar-rimanenti bilanc. Spjega li l-konvenut kien onora uhud minn dawn il-kambjali izda halla ohrajn mhux onorati fl-ammont ta' LM1,675.93 skond dawk esebiti fil-process. L-attur esebixxa ukoll dokument li gie markat bhala dok. CS2 li kien ir-repayment li kien ghamel l-konvenut. Spjega li huwa kien jikkonsenja l-kambjala una volta tigi imhallsa ghas-saldu. Qal li mit-8 ta'April 2004 'l quddiem l-konvenut ma ghamel l-ebda pagament iehor akkont.

Lejn l-ahhar tas-sena 2004 l-konvenut kien mar ikellmu u qallu li l-vettura li kien xtara minghandu ma kienitx manifatturata fis-sena 1995 izda kienet mudell tas-sena 1991. Spjega li fil-kuntratt ma jkunx nizzel is-sena tal-manifattura jew il-mudell izda l-vettura tkun kif tkun. Qal li hu ma jafx x'kien hemm miktub fuq il-log book izda l-konvenut qallu li kien hemm miktub li s-sena ta' manifattura

kienet 1995 meta effettivament ma kienitx harget f'dik is-sena.

Spjega ukoll illi l-konvenut beda jilmenta fuq din il-karozza wara li kien ilu li xtraha tlett snin u tul dak iz-zmien kollu baqa' juzaha. Fisser ukoll li l-vettura huwa bieghha second hand, u li ma kienx hu li importaha jew li irregistraha. Huwa kien xtraha minghand terz u bieghha kif kien effettivament xtraha.

L-**iSpettur Angelo Gafa** prodott mill-konvenut xehed nhar l-10 ta' Mejju 2006. Spjega illi huwa kien ircieva kwerela minghand l-konsulent legali tal-konvenut fejn gie mgharaf li l-konvenut kien xtara vettura bin-numru ta registrazzjoni JBB603 minghand Charles Auto Dealer u ghalkemm fil-log book kien hemm imnizzel lil-vettura kienet manifatturata fis-sena 1995 irrizulta li din kient immanifatturata fis-sena 1991. Huwa ghalhekk minnufih beda l-investigazzjoni tieghu. Di fatti, wara li ezamina l-files tad-dipartiment tal-licensing irrizultalu li verament din il-vettura kient giet immanifatturata fis-sena 1991, u sab li t-tbaghbis fil-log book kien sar fis-sena 1998 qabel ma l-vettura waslet f'idejn l-attur. Kien fiz-zmien meta l-karozza kienet giet importata Malta minn Montebello Enterprises Ltd. taz-Zejtun. Huwa fil-fatt spicca sabiex ha proceduri kriminali fil-konfront ta' terzi mhux parti fil-kawza odjerna u li l-attur ma kellux x'jaqsam ma dan l-incident.

**Armando Bugeja** l-konvenut xehed minn jeddu nhar is-16 ta' Novembru 2006. Ikkonferma li kien xtara l-vettura Toyota mertu tal-kawza u li suppost kienet immanifatturata fis-sena 1995 minghand l-attur u wara xi zmien induna li kienet immanifatturata fis-sena 1991 kuntrarjament ghal dak li kien hemm imnizzel fil-log book. Huwa ghalhekk irraporta l-kaz lill-Awtorita u appuntu lill-Kummissarju tal-Pulizija u kien l-Ispettur Angelo Gafa li ha hsieb l-investigazzjoni relattiva. Huwa

ighid li xtara il-van ghal prezz ta' LM7000 sebat elef lira Maltin. Spjega li irrizultalu li l-log book kien falz u ghalhekk il-van m'ghandu l-ebda valur fis-suq ghaliex hadd ma jrid jixtrih.

Illi nhar l-24 ta' Mejju 2007 l-konvenut esebixxa dokument fejn fuqu hemm il-prezzijiet ta' vetturi kummercjali fid-data tat-30 ta' Gunju 2006.

Ikkunsidrat:-

Illi din l-azzjoni hija dik maghrufa bhala l-actio cambiaria fejn l-attur qed jitlob il-hlas fuq kambjala ta' elf sitt mija hamsa u sebghin lira u tlieta u disghin centezmi maltin (LM1,675,93) minghand il-konvenuti. Il-konvenuti min-naha taghhom resqu l-eccezzjoni li t-talba attrici ghandha tigi michuda 'l ghaliex huma sofrew d-danni minhabba l-bejgh li sar bejn il-kontraenti u fil-fatt fil-kontro talba tieghu sostna li huwa m'ghandu jaghti xejn lill-attur izda ghandu jiehu minghandu dik is-somma flus li trid tigi likwidata minn din il-Qorti. Oltre dan il-konvenuti sostnew li l-kawza tal-atturi hija msejsa fuq premessa illecita.

PROVI PRODOTTI

Illi l-attur xehed u spjega li huwa biegh lil konvenut Armando Bugeja vettura tal-ghamla Toyota tal-mudell Hilux LL 107 bin-numru ta' registrazzjoni JBB 603 versu l-prezz miftiehem ta' sebat elef lira Maltin (LM7,000) u dan skond kuntratt esebit fl-atti u markat bhala dok. CS1. Illi fuq dan il-kuntratt jidher li l-konvenut hallas parti mill-prezz bhala deposit u kien fadallu bilanc ta' erbat elef lira maltin (LM4,000) x'jghati lill-attur u intrabat li ihallashom permezz ta diversi kambjali minnu ffirmati. Illi jirrizulta mill-atti li ghall-ewwel l-konvenut onora l-ftehim billi beda ihallas l-pagamenti mensili dovuti minnu izda wara certu zmien u cioe meta l-bilanc wasal ghas-somma

pretiza mill-attur waqaf ihallas u kien ghalhekk li l-attur pprezenta din il-kawza.

Illi l-konvenut qabel ma dak li ssottometta l-attur pero zied ighid li huwa ma kompliex ihallsu l-ghaliex fil-fehma tieghu dahaq bih meta bieghlu vettura li suppost kienet mmanifatturata fis-sena 1995 izda irrizulta li kienet immanifatturata fis-sena 1991. Illi skond hu ghalhekk il-vettura ma kientix tiswa l-prezz li obbliga ruhu li jhallas. Huwa ghalhekk ghamel kontro talba fejn talab lill-Qorti tiddikjara li huwa sofra danni minhabba dan in-negozju fil-fehma tieghu frawdulenti minn naha ta' l-attur u sabiex eventwalment tillikwida dawn id-danni sofferti minnu u dan bil-ghan li huwa ma jkollu jghati xejn aktar lill-attur.

Illi mill-provi ma jidhirx li huwa kontestat li fil-fatt il-vettura in vendita effettivament kienet giet immanifatturata fis-sena 1991 u li inbieghet mill-attur bhala dik manifatturata fis-sena 1995. Pero skond l-attur u dan jirrizulta anke mix-xhieda tal-Ispettur Angelo Gafa, liema xhieda ma gietx kontestata, il-falsifikazzjoni li gie kommess fil-log book tal-vettura in kwistjoni sehh minn terza persuna certu Montebello u mhux mill-attur.

Illi pero l-konvenuti sostnew fin-nota ta' eccezzjonijiet taghhom ghall-kontro talba tal-attur li l-konvenuti ma kellhomx dritt jintavolaw l-azzjoni rikonvenzjonali stante li l-kawza prezentata minnhom hija wahda kambjarja u l-unika tip ta' eccezzjoni li tista tinghata skond il-ligi huma dawk dilatorji u mhux fil-mertu u ghalhekk il-konvenuti messhom intavolaw kawza ohra ad hoc.

KONSIDERAZZJONIJIET

Illi fis-sentenza **"<u>Mario Agius et vs Doris Pulo</u>"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar l-24 ta' April 2001 gie trattat in-natura ta' din l-azzjoni. Infatti intqal :-

Illi l-Artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) ighid illi :-
“1. L-eccezzjonijiet li huma personali ghall-pusessur tal-kambjala ma jistghux idewmu l-hlas taghha, jekk ma jkunux likwidi u jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja.

3. Jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jehtiegu ezami fit-tul, is-smiegh taghhom isir f’kawza ghaliha, u sadanitant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha skond ma jidhrilha l-Qorti, m’ghandhiex tkun imdewma.”

Illi dik l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet “**<u>Guillaumier Industries Ltd vs Victor Vella et</u>**” deciza fl-4 ta’ Dicembru 1998 dwar l-*actio cambiaria* kienet qalet:-
*“Ili a bazi ta’ dan l-Artikolu gie deciz li l-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il-kawza proposta a bazi ta’ kambjala ghandha tigi mill-Qorti trattata bl-akbar celerita possibli….” Il-Kambjala hija proprju l-istrument kummercjali nventat biex appuntu jassigura din il-heffa u l-ghagla fic-cirkontrazzjoni tal-krediti u d-dejn u sabiex tirrispetta u kemm jista jkun tiggarantixxi li l-processi kummercjali jkunu animati mill-istess esigenzi.”*

*“Biex tassigura din ic-celerita, l-ligi tiffrena l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw kontra l-posessur tal-kambjala biex dawn ma jittardjawx il-kanonizazzjoni ta’ import ta’ kambjala. Tammetti eccezzjonijiet biex meta dwn ikun ta’ facli soluzzjoni “ (*Qorti tal-Kummerc per Imh. G. Mifsud Bonnici fl-ismijiet: “**<u>John Portelli noe vs Joseph Sullivan</u>**”)

Dan isir peress li skond kif gie affermat fis-sentenza **“<u>Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe</u>”** (Qorti tal-Kummerc deciza nhar il-15 ta’ Novembru 1993 per Imh J.D. Camilleri):-

"*Appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obligazzjoni ad hoc, ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m'ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obligazzjonijiet precedenti.*"

Illi l-istess arrangement gie segwit f'diversi sentenzi fosthom **"John Mary Sammut vs Michael Cassar"** (App. K. 14 ta' Ottubru 1991) u **"George Zahra vs Alfred Borg"** (K. JSP 28 ta' April 1995) fejn il-Qrati rreferew ghall-gurisprudenza kostanti li f'azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha inoltre f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi (vide Vol. XXIX p1 1528 – Vol.XXIX 1.1136) u l-istess **"John Portelli noe vs Charles Vella"** (K.GCD 30 ta' Awwissu 1989); dawn il-principji gew ilkoll elenkati fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar il- 5 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet **"Ronald Micallef et vs Subway (Malta) Limited"** (Citazz. Numru 272/2000 RCP).

Illi dwar dan kien hemm temperament fis-sentenza **"Joseph Lia vs Alfred Dalli"** (K. JDC 26 ta' Jannar 1989), li ghalkemm sostniet li l-**artikolu 198** japplika kemm meta tali kambjali jkunu girati u anke meta le, irrilevat li hemm eccezzjonijiet permessibli meta din tolqot l-ezistenza tal-kambjala stess bhal meta l-kunsens tal-accettant tal-kambjala jkun vizzjat minhabba vjolenza jew dolo (Vol. XXXIX.iii.845) u ghalhekk irriteniet li tali eccezzjoni ghandha tingieb permezz ta' azzjoni ohra u permezz ta' azzjoni ad hoc.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Salamone vs Rao"** tad-9 ta' Frar 1906, moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc intqal illi:-

*"Attesocche le eccezioni date dal convenuto, quantunque personali all'attore, sono di lunga indagine e quindi, secondo il disposto nell' articolo 181 dell'Ordinanza XIII del 1857, la loro cognizione dev'essere rimandata a separato giudizio."*

Illi ukoll fl-4 ta' Frar 1907, l-istess Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet **"Zammit vs Scicluna"** qalet illi:-
*"Attesoche secondo la pratica costante di questo tribunale il pagamento di una cambiale accettata e scaduta viene sempre ordinate quando la eccezioni sono tali da richiedere arbitrio della Corte credesse opportuno".*

Illi fl-ahharnett fl-10 ta' Mejju 1913, fil-kawza fl-ismijiet **"Sultana vs Pecorella"** gie riaffermat li:-
*"Atteso che per legge espresso, eccezioni di lunga indagine, come quelle apposte dal convenuto non possono ritardare il pagamento di cambiali scadute. La Corte deve ordinare il pagamento con o senza cauzione e rimettere la cognizione delle eccezioni a separato giudizio."*

Illi konferma ta' dan hija s-sentenza **"Tabone vs Camilleri**" tas-27 ta' Frar 1939 li qalet li :-
"*Illi huwa veru illi skond dana l-artikolu tal-ligi, meta l-eccezzjoni ma tistax tigi definitita malajr ma hijiex ammissibli meta biha ikun ritardat il-pagament. Pero hemm eccezzjonijiet tant assoluti kemm relativi li jistghu jigu moghtija u ghandhom ikunu ammesi. Dawna l-eccezjonijiet ghandhom il-bazi taghhom fid-dritt komuni u fid-dritt kambjarju. Per ezempju, l-inkapacita li hija regolata mid-dritt komuni tifforma wahda mill-eccezzjonijiet li gejjin minn fatti posterjuri ghad-data ta' l-emissjoni tal-kambjali."*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet "**Eminyan vs Mackay**" tad- 9 ta' April 1940 tant li nghad li:-

"*Illi skond l-artikolu 181 ta' l-Ordinanza XII ta' l-1857, l-eccezzjonijiet personali ghall-possessur tal-kambjali ma jistghux jirritardaw il-hlas tal-kambjali jekk ma jkunux likwidi u ta' soluzzjoni pronta. Ghalhekk l-eccezzjoni li ta l-konvenut ma tistghax tiddilazzjona l-pagament tal-kambjali."*

Illi tant huwa minnu dan li l-Qorti fil-21 ta' Novembru 1940, taght decizjoni fl-ismijiet **"<u>Staines vs Trapani</u>"** fejn ikkonfermat li:-
*"Illi jekk dina l-pretensjoni ma kienitx likwida qabel il-kawza, issa li l-Qorti semghet il-provi tista tillkwidaha, peress illi tirrizulta b'mod konvincenti bhala fondata. U skond* ***l-art. 181*** *ta' l-Ord. XII ta' l-1857, 'exceptions affecting the holder of a bill personally, cannot delay the payment thereof, unless the esceptions be such as admit of being clearly and speedily determined.' U fil-kaz prezenti l-eccezzjoni tal-konvenut setghet tigi likwidata, kif giet fil-fatt, peress li setghet tigi definita malajr."*

Illi dawn il-principji gew ukoll ikkonfermati mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"<u>Prof. Carlo Mallia noe vs Mariano Accarino noe</u>"** deciza fit-22 ta' Novembru 1937, fejn ikkonkludiet li:-
*"Infatti l-**artikolu 181** tal-Kodici Kummercjali jistabilixxi illi l-eccezzjonijiet personali ghal possessuri tal-kambjali ma jistghux idewmu l-pagament tas-somma jekk mhumiex likwidi u 'di pronta soluzione'. Jekk imbaghad huma ta' indagini twila, dawk l-eccezzjonijiet ghandhom ikunu riservati ghal kawza separata, u l-kundanna tal-kambjali ma tistghax tkun differita b'garanzija jew minghajr garanzija skond il-prudenzjali arbitrarju tal-Qorti."*

Illi dan kollu gie kkonfermat ricentement fis-sentenza ta' **"<u>Francis Portanier vs Abdel Moez Mohammed Aly et</u>"** (deciza 12 ta' Dicembru 2001) kif ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **"<u>John Giordimaina et vs Joseph Pace et</u>"** (deciza 16 ta'Jannar 2003) u dik fl-ismijiet **"<u>Charles Pool vs</u>**

**<u>Carmelo Mercieca</u>"** (deciza nhar 29 ta' Mejju 2003).

Illi applikati dawn il-principji ghall kaz de quo, u in vista ta dak kollu premess din il-Qorti tasal biex tikkonkludi li ghandha tichad l-eccezzjonijiet imresqa mill-konvenut kif ukoll il-kontro talba tieghu.

Illi fl-ewwel lok jinghad li l-konvenut bl-ebda mod ma kkontesta li l-kambjali mertu tal-kawza odjerna gew debitament mahruga u ffirmati minnu kif jidher mill-istess kambjali esebiti (fol. 2 sa 18 tal-process). Illi lanqas ma tqajmet xi eccezzjoni dwar il-validita o meno taghhom. Ir-raguni ghalfejn dawn effettivament gew mahruga hija kompletament irrelevanti ghall-mertu tal-azzjoni odjerna. Infatti kif diga gie kkwotat li qal il-mibki Professur Cremona fin-noti tieghu:-
"*the moment a person signs the bill of exchange… the obligation arising from that signature is considered to be complete in itself, it acquires a judicial existence which is considered separate, distinct and independent from the original and fundamental contract entered into between the parties concerned. The law identifies the obligation created or evidenced by its bill with the signatures places hereon. <u>Accordingly, a party to a bill would be liable thereon, not because of any pre existing obligations, but merely because he did actually sign the bill." (sottolinear tal-Qorti).</u>*

Illi in konkluzjoni l-Qorti tirrepeti li l-kambjala ghandha natura awtonoma u indipendenti mit-transazzjoni li minnha tohrog. Inoltre hija fin-natura taghha stess hi strument kummercjali mahluq biex jassigura heffa u ghagla fic-cirkostanzi tal-krediti u d-dejn u kwindi ladarba l-kambjali in kwistjoni gew iffirmati u ma giex ppruvat sodisfacentement li kien hemm hlas, lanqas in parte fuqha t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha. Ovvjament dan l-oneru kien

jinkombi lil konvenut, liema oneru l-konvenut naqas li jissodisfa.

Illi l-konvenut messu hallas l-ammont pretiz mill-attur abazi tal-kambjali indipendentement mit-talba tieghu ghad-danni. Illi tali talba messha saret independenement minn din l-azzjoni attrici.

GHALDAQSTANT din il-Qorti taqta' u tiddecici billi filwaqt li tichad l-eccezzjoniet tal-konvenuti u t-talbiet sussegwenti rikonvenzjonali , tilqa it-talbiet attrici kif ukoll l-eccezzjonijiet ghall-kontro talba tal-atturi dan billi tikkundanna lill-konvenuti jhalsu lill-atturi s-somma ta' elf sitt mija hamsa u sebghin lira u tlieta u disghin centezmi maltin(LM1,675.93) bl-imghax skond il-ligi.

L-ispejjes kollha tal-kawza odjerna ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenuti.**"**

Il-konvenuti hassewhom aggravati b' din is-sentenza u appellaw minnha biex jitolbu r-revoka taghha, kemm tal-mertu aggudikat kif ukoll tal-kap ta' l-ispejjez. Huma jissottomettu illi l-ewwel Qorti naqset milli tistharreg it-tieni eccezzjoni taghhom. Tista' tghid li l-aggravji kollha sottoposti lil din il-Qorti jorbitaw ma' din is-sottomissjoni. Aktar precizament, dik li l-Qorti ta' l-ewwel grad naqset milli tokkupa ruhha u tinvesti l-eccezzjoni illi l-obbligazzjoni li tat lok ghall-hrug tal-kambjali kienet affetta minn kawza illecita`, kostitwita minn frodi adoperat mill-atturi, u dwar liema huwa ressaq talba rikonvenzjonali ghad-danni;

Brevement, il-fatti principali li taw lok ghat-talba attrici u ghall-kontro-talba tal-konvenuti kienu s-segwenti:-

(1) Bi skrittura tas-6 ta' Gunju, 2001 (fol. 29) l-atturi bieghu lill-konvenuti vettura *second hand* versu l-prezz raffigurat fiha. Minn dan il-prezz parti minnu thallas

permezz ta’ depozitu inizzjali mal-konsenja. Il-kumplament kellu jithallas kontra kambjali;

(2) Jirrizulta illi l-konvenuti hallsu sew id-depozitu kif ukoll uhud mill-kambjali izda mhux ukoll dawk l-ohra skaduti, ghal-liema l-atturi talbu l-pagament, ghaliex sostnew illi l-vettura komprata ma kienetx effettivament manifatturata fl-1995 izda fl-1991. Huma ghalhekk ippretendew riduzzjoni fil-prezz;

(3) Inghad ukoll mill-konvenuti f’ dan l-istess kuntest illi l-*log book* kien imbaghbas u tali illicejeta` giet minnhom attribwita lill-atturi. Ara xhieda tal-konvenut a fol. 50;

(4) Jirrizulta, pero`, ukoll mill-provi, illi l-alterazzjoni fid-data tal-manifattura tal-vettura kif rapprezentata fil-*log book* gie kommess minn terzi fi zmien anterjuri li l-vettura *de qua* ghaddiet fil-pussess ta’ l-atturi, tant li, kif xehed l-Ispettur Angelo Gafa` (fol. 41), ittiehdu proceduri penali kontra dawk it-terzi. Ghajr ghal dawn il-proceduri, il-konvenuti ma jidherx li ressqu azzjoni biex jirrexxindu l-bejgh imma llimitaw ruhhom ghall-kontro-talba ghad-danni;

(5) Finalment, irid jinghad illi sa mill-akkwist taghha l-konvenuti baqghu jaghmlu uzu mill-vettura mixtrija. Dak kif mistqarr mill-konvenut Armando Bugeja (fol. 51);

Minn kif koncepita l-azzjoni mill-atturi huwa sintomatiku illi din hi wahda purament kambjarja diretta ghal konsegwiment tal-hlas ta’ kambjali skaduti. L-ewwel Qorti, bis-sostenn ta’ gurisprudenza arrikkita, diga` approfondiet sew il-principji attinenti ghall-azzjoni bhal din u mhux il-kaz li din il-Qorti tamplifika fuq dawn l-istess principji, jekk mhux biex ticcarahom u taccentwa certi aspetti taghhom;

Indiskutibilment, l-azzjoni kambjarja tiddependi esklissivament mill-pussess tal-kambjali jew kambjalijiet u hi ghalhekk diretta biex iggib in gudizzju d-dritt inkorporat fil-kambjali nnifisha in forza ta’ l-awtonomija taghha. Isegwi li r-raguni tat-talba b’ din l-azzjoni tirrigwarda pretiza bazata fuq il-vinkolu emergenti mill-kuntest, letterali u astratt, tal-kambjali fejn l-oggett immedjat taghha hu dak tal-hlas ta’ l-import tal-kambjali. Hu dan li jiddistingwiha mill-azzjoni ordinarja in kwantu f’ din ta’ l-ahhar l-oggett ta’ l-azzjoni hu identifikat b’ riferiment ghar-rapport negozjali interkorrenti bejn il-partijiet. Veru li dan l-istess negozju sottostanti hu kollegat mal-kambjali emessa imma dan, se mai, jaghti lok ghall-gudizzju in via ordinarja bid-dixxiplina tipika ta’ din l-azzjoni;

Logikament, id-differenzi bejn i-zewg tipi ta’ azzjonijiet igibu maghhom differenzi fix-xorta ta’ eccezzjonijiet li jistghu jinghataw. Hekk fil-kaz ta’ azzjoni kambjarja l-eccezzjonijiet huma pjuttost limitati u jistghu jigu klassifikati kif gej:-

(1) Dawk reali koncernanti l-forma tal-kambjali ghal liema jirreferi l-Artikolu 123 tal-Kodici tal-Kummerc. Ad ezempju, nuqqas ta’ firma tat-traent. Ara “**Falcon Limited -vs- Carmelo Ciappara**”, Appell, 5 ta’ Ottubru, 1998;

(2) Dawk personali ghall-pussessur tal-kambjali (Artikolu 198, Kapitolu 13). Anke hawn, pero`, tezisti r-restrizzjoni illi jekk il-gudikant isib li l-ezami ta’ l-eccezzjoni tkun ta’ indagini twila huwa xorta wahda jghaddi biex jaghti sentenza ta’ kundanna ghall-hlas tal-kambjali, b’ rizerva favur il-konvenut, munita jew le b’ garanzija, li dik l-eccezzjoni tigi rinvijita ghall-istharrig taghha f’ kawza ghaliha. Ara, *inter alia*, is-sentenza fl-ismijiet “**Adrian Busietta *nomine* -vs- Marco Attard *nomine***”, Appell, 9 ta’ Frar, 2001;

(3) Hemm, imbaghad, b’ mod generali dejjem dawk l-eccezzjonijiet personali li jinvestu anke r-rapport extra-kambjarju. Ad ezempju, l-eccezzjoni tan-nullitajiet

soliti li jistghu jinghataw minhabba kawza illecita jew vizzju tal-kunsens. Dan ghaliex, kif rilevat, "meta l-eccezzjoni tolqot l-ezistenza stess tal-kambjali bhal ma hu l-kaz ta' inezistenza tal-kambjali minhabba dolo jew vjolazzjoni li jivvizzja l-kunsens ta' l-accettant, u kwindi jkun hemm nullita` tal-kambjali, allura l-principju ma jibqax opponibbli u kwindi l-prova dwar l-allegat dolo jew l-allegata vjolenza jinstemghu fl-istess gudizzju fejn tigi mitluba l-adempjenza ossija l-hlas tal-kambjali" ("**Joseph Cost Chretien -vs- Jospeh C. Borda**", Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1961). Ara wkoll fl-istess sens "**Alfred Tonna -vs- Vincent Lentini**", Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Lulju, 1950 u "**Lorenzo Ceci -vs- Alfred J. Badacchino *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 8 ta' Ottubru, 1974;

Minn dan dedott ghalkemm a prima visto t-tieni eccezzjoni moghtija mill-konvenuti appellanti kapaci tannovera ruhha taht l-ahhar klassifika ta' eccezzjonijiet hawn fuq delinejata, ma jidherx, imbaghad, li din ghandha s-sostenn tal-fatti skond il-kwadru aktar 'il fuq espost. Ir-rapport sottostanti l-hrug tal-kambajli kien wiehed semplici ta' kompravendita ta' vettura. F' din il-kontrattazzjoni minn imkien ma jirrizulta li l-atturi appellati kienu in mala fede jew b' xi mod immiskjati fil-mutament tad-data tal-manifattura tal-vettura fuq il-*log book*. Anzi dan hu ghal kollox eskluz mill-Ispettur Angelo Gafa` fix-xhieda tieghu. Jekk kien hemm vizzju tal-kunsens fil-konvenut dan ma jistax jinghad li gie migjub fis-sehh minn xi dolo perpetrat mill-atturi, kompartecipi fil-kontrattazzjoni negozjali u possessuri tal-kambjali. Ma setax, ghaldaqstant, ikun aspettat illi l-Qorti tallarga ruhha biex tistharreg, kif mitlub, kwestjoni ko-involgenti terzi u li kienet, f' kull kaz, tmur 'l hinn minn dak li hu hekk akkonsentit, bi pregudizzju ghal kuncett ta' dik l-ispeditezza fid-determinazzjoni ta' azzjoni kambjarja. Dan, apparti wkoll, konsiderazzjonijiet ohra ta' indoli legali u sostanzjali li kienu, u setghu, jhallu l-impronta taghhom fuq in-natura tal-kontro-talba u ta' l-istess eccezzjoni sollevata;

Fid-dawl ta' dawn ir-riflessjonijiet mhux il-kaz li l-Qorti tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta fis-sentenza

appellata.  Dan, lanqas fil-kaz tal-kap ta’ l-ispejjez in raguni ghar-regola stabbilita fl-Artikolu 223 (1) tal-Kapitolu 12.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma l-konkluzjoni fis-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------